**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 13 ta' Gunju, 2016**

**Rikors nru: 241/2009 MLF**

**Kim Wright**

**Vs**

**Jacqueline Farrugia**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors tal-attur fejn talab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' hamest elef, tnejn u sittin Euro u sebgha u hamsin centezmu (€5,062.57) rapprezentanti kwantu ghal erbat elef, seba' mija u ghaxar Euro u sebgha u hamsin centezmu (€4,710.57) flus mislufa lill-konvenuta mill-attur u li ma gewx rifuzi lilu ghalkemm interpellata diversi drabi sabiex taghmel dan, u kwantu ghal tlett mija u tnejn u hamsin Euro (€352) rapprezentanti valur ta' oggetti li jappartjenu lill-attur u li nzammu mill-konvenuta minghajr dritt (Dok.A).

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju kontra l-konvenuta, u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-avviz tad-data ta' pagament effettiv.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata konvenuta Jacqueline Farrugia fejn esponiet:

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dana ghas-segwenti ragunijiet:
    a. Illi parti mis-somma mitluba mill-attur hija preskritta.
    b. Illi l-attur qatt ma sellef flus lill-konvenuta u dan kif jigi ppruvat fil-mori ta' din il-kawza.
    c. Illi meta l-attur ghaddielha xi flus dawn dejjem ghaddihomlha minn rajh ghax ried hu u jekk huwa ghadda xi somma lil terzi huwa ghaddihom ghax ried hu talli l-esponenti kienet qed tiehu hsiebu toffrilu saqaf taht rasu, ikel ghalih u ghat-tfal tieghu meta kien ikollu l-access kif ukoll talli hadet hsieb li tirrangalu l-flat gewwa San Pawl il-Bahar billi ghamlitlu soft furnishings stante li dan ma kienx abitabbli u anke kienet tiehu hsieb tnaddaflu l-appartament.
    d. Illi ghalhekk il-konvenuta tinstab sorpriza ferm b'dawn il-proceduri.
    e. Illi kwantu ghal mobbli dawn huma proprjeta' taghha tant li halsithom bil-VISA ghax kienet xtrathom hi.
    f. Illi kieku l-konvenuta riedet tissellef flus ma kellhiex ghalfejn tissellef minghand ir-rikorrenti l-attur.

Rat il-kontro-talba guramentata tal-konvenuta fejn esponiet u bil-gurament ikkonfermat:

1. Illi hija kienet tiehu hsieb lill-attur bejn il-perjodu mit-3 ta' Settembru 2004 sat-22 ta' Frar 2008;
2. Illi hija kienet tipprovdi lodging u ikel lill-attur bejn dan il-perjodu ghal hamest ijiem f'kull gimgha ghajr il-jumejn fil-gimgha meta kien ikollu l-access ghat-tfal.
3. Illi hija kienet tiehu hsieb li ssajjarlu l-ikel ghalih u ghat-tfal meta jkollu acces ghat-tfal.
4. Illi hija anke hadet hsieb li tirrangalu l-flat li jinsab San Pawl il-Bahar fejn kien joqghod billi ghamlitlu soft furnishings fid-dar u anke kienet tiehu hsieb tnaddaflu l-appartament.
5. Illi hija qatt ma thallset ta' dawn is-servigi.
6. Illi minhaba s-sekwestru intavolat mill-attur, l-esponenti kellha taghlaq il-business taghha qabel il-hames snin li kienet marbuta mieghu mal-Malta Enterprise, haga li l-attur huwa ben konsapevoli dwarha.

Ghalhekk talbet lil din il-Qorti:

(a) Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuta rrendiet servizzi favur l-attur.

(b) Tillikwida somma dovuta lill-konvenuta in linea ta’ servigi resi favur l-attur u tikkundanna lill-attur biex ihallas lill-konvenuta din is-somma hekk likwidata.

Rat ir-risponsta tal-attur Kim Wright ghall-kontro-talba tal-konvenuta fejn eccepixxa:

Illi l-kontrotalba ta’ Jacqueline Farrugia ghandha tigi michuda stante:

1) Illi l-konvenuta rikonvenjonanti ma pprovdietx servizzi lill-attur li ghalihom ghandha tippretendi xi hlas:

   (i) Fl-ewwel lok il-konvenuta rikonvenzjonanti ma pprovdiet l-ebda l-lodging jew ikel lill-attur li ghalihom hija ghandha tippretendi xi hlas, anzi kien l-attur li kien jixtri l-ikel minn flusu kemm ghalih u kif ukoll ghaliha u apparti minn hekk kien ihallasha ghaxar Liri Maltin (Lm10) ekwivalenti ghal tlieta u ghoxrin Euro u disa u ghoxrin centezmu (€232.29) tul il-perjodu tar-relazzjoni taghhom sabiex imur lejn il-konsum tad-dawl u ilma u kien ihallas ukoll ghal diversi bzonnijiet ohra;

   (ii) Illi t-talba tal-konvenuta rikonvenzjonanti ghal hlas ta’ servigi relattivi ghat-tisjir ghal ulied l-attur ghandha tigi michuda stante illi hija ma kinietx issajjar ghal ulied l-attur stante illi fil-granet meta huwa kien ikollu access ghat-tfal huwa ma kienx joqghod ghandha izda kien imur joqghod mat-tfal tieghu fl-appartament tieghu;

   (iii) Illi t-talba tal-konvenuta rikonvenzjonanti ghal hlas ta’ servigi relattivi ghal dekorazzjoni u tindif tal-appartament tal-attur ukoll ghandha tigi michuda stante illi l-unika kamra li rrangat b’soft furnishings etc. kienet kamra li hija kienet tuza biex tipprattika ta’ beauty therapist u kienet biss din il-kamra partikolari li kienet tnaddaf hi, u wara li ntemmet din ir-relazzjoni hija hadet is-soft furnishings in kwistjoni lura maghha, kif ukoll oggetti ohrajt appartenenti lill-attur, barra minn hekk hi qatt ma hallset ghall-konsum ta’ dawl u ilma uzati minnha f’din il-kamra;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u minghajr ebda rikonoxximent illi l-attur ghandu jhallas lil-konvenuta rikonvenzjonanti ghal xi servizzi allegatament rezi, hija ghandha tispjega kif waslet ghall-ammonti li hi qed titlob stante illi dawn huma ferm esagerati;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u in linea sussidjarja, jekk din il-Qorti tilqa' t-talbiet tal-konvenuta rikonvenzjonanti, l-istess Qorti ghandha tiehu inkonsiderazzjoni d-diversi servizzi rezi mill-attur stess lilha fosthom xogholijiet maghmula fis-salon tal-konvenuta u cioe Koru Esthetiques, kif ukoll il-business plan ifformulat minnu ghaliha u ikliet barra u vjaggi li huwa ghamel mal-konvenuta rikonvenzjonanti ghas-spejjez tieghu;

4. Illi minhabba l-fatt illi l-konvenuta rikonvenzjonanti qatt ma vvantat dawn il-pretensjonijiet qabel ma gew intavolati dawn il-proceduri minnu, fi kwalunkwe kaz, l-attur m'ghandux ibati l-ispejjez relattivi ghall-kontro-talba.

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Rat in-nota tal-konvenuta tat-12 ta' Dicembru 2011, fejn informat lil din il-Qorti li l-artikolu applikabbli ghall-preskrizzjoni ta' sentejn m'hux l-Artikolu 2147, kif bi zball inghad fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2011, izda l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.[1]

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet;

Rat li fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2015, gie verbalizzat hekk:

*"Il-Qorti qed tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza stante li nnutat li ghalkemm kien hemm ordni tal-Qorti li l-proceduri jsiru bil-lingwa Ingliza, kien hemm diversi atti li huma bil-Lingwa Maltija.*

[1] Ara fol. 126 tal-process.

*Dr. Claudine Pace Zarb tiddikjara illi l-attur qed jezenta lill-Qorti milli tordna li jigu tradotti fil-lingwa Ingliza dawk l-atti li saru jew li gew prezentati bil-lingwa Maltija u jawtorizza lill-Qorti li s-sentenza finali tinghata bil-lingwa Maltija u qed jezenta lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali milli jittraduci din is-sentenza fil-lingwa Ingliza."*

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Il-kontendenti bdew relazzjoni flimkien f'Settembru 2004 li spiccat fi Frar 2008.
2. Meta bdew din ir-relazzjoni, l-attur kien ghaddej proceduri ta' separazzjoni minn martu, u kellu zewgt itfal.
3. Ftit gimghat wara li bdew ir-relazzjoni taghhom, l-attur mar jghix fl-appartament mal-konvenuta, pero il-Hamis, il-Gimgha u s-Sibt kien imur joqghod fl-appartament tieghu ghaliex kien ikollu l-access tat-tfal tieghu.
4. Fiz-zmien relevanti, l-attur kien jahdem bhala General Manager ta' socjeta kummercjali.
5. Fil-bidu tas-sena 2005, il-konvenuta tilfet l-impjieg taghha, u kienet tghix fuq beneficji socjali. Ghalhekk bdiet tistudja biex issir self-employed beauty therapist, u anke applikat fi skema mnhedija mill-Malta Enteprise.
6. Il-kontendenti siefru flimkien New Zealand, fejn jghixu l-genituri tal-attur.
7. Il-kontendenti riedu jizzewgu, u l-attur ghamel konvenju biex jixtri post l-Imgarr sabiex imorru jghixu fih, pero peress li kien ghadu ghaddej bil-process ta' separazzjoni u ghalhekk l-attur ma setghax jixtri l-proprjeta f'ismu, fuq il-konvenju dehru bhala kompraturi oht il-konvenuta, Josette Sammut u r-ragel taghha Albert.
8. Saret applikazzjoni sabiex parti minn din id-dar tintuza bhala beauty salon, li giet rifjutata mill-Awtorita tal-Ippjanar u l-Ambjet, u ghalhekk il-konvenuta kellha tfittex post iehor biex tuzah bhala salon, u fil-fatt kriet post.
9. Fl-affidavit tieghu, li fuq talba tal-konvenuta stess, l-attur jghid li minn Settembru 2007 sa Dicembru 2007 hu sellifha l-ammont totali ta' €4710.57, maqsuma f'diversi pagamenti, sabiex tkun tista' tattrezza is-salon, ghaliex il-banek ma ridux isellfuha. Hu jghid li dan is-self ghamlu bil-kundizzjoni li l-konvenuta tirrifondilu dawn il-flus, meta tikri parti mis-salon lil terzi bhala hairdressing salon.

10. Min-naha taghha, il-konvenuta tichad li dawn il-flus tahhomlha bhala self, imma tghid li tahhomlha bhala donazzjoni.
11. L-attur jghid ukoll li wara li ntemmet ir-relazzjoni ta' bejniethom fi Frar 2008, il-konvenuta marret fl-appartament tieghu, li kienet tuza kamra minnhom bhala salon temporanju biex tiehu l-affarijiet taghha, u hadet ukoll affarijiet li kienu jappartjenu lilu u li jinsabu elenkati bhala Dok A mar-rikors promotur, li l-ammont totali taghhom huwa ta' €352.00.
12. Il-konvenuta tichad li hi hadet xi affarijiet li ma kienux taghha, u tinsisti li l-affarijiet li hadet kienet xtrathom kollha hi.
13. In oltre il-konvenuta tghid li fil-perjodu ta' ko-abitazzjoni taghhom hija kienet irrendiet diversi servigi lill-konvenut, fosthom spejjez ghas-servizzi tal-ilma, elettriku, gas, television, telephone u tatu post fejn jorqod u kienet issajjar ghalih u ghat-tfal tieghu, u ghal genituri tieghu meta jigu Malta, kif ukoll kienet ghinitu biex jirranga l-appartament tieghu.
14. L-attur jichad l-pretensjoni tal-konvenuta ghas-servigi u jghid li hu kien itiha Lm10 fil-gimgha biex ikopri l-ispejjez talli kien joqghod maghha, u kien jixtri bi flusu l-affarijiet tal-ikel, u diversi affarijiet ohra.
15. Ir-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti intemmet fi Frar 2008, konsegwenza ta' decizjoni tal-attur.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Il-Qorti l-ewwel sejra tikkunsidra t-talba tal-attur u sussegwentement it-talba rikonvenzjonali tal-konvenuta.

***It-Talba tal-Attur***

*L-Eccezzjoni tal-Preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili*

L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta hija il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili, li jippreskrivi li *"L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn."*

It-talba tal-attur mhix wahda ghad-danni, izda talba ghal ghar-rifuzjoni ta' flus allegatament mislufa lill-konvenuta u talba ghar-rifuzjoni ta' affarijiet propjeta tal-attur, li allegatament l-konvenuta hadet illegalment.

Ghalhekk l-Artikolu 2153 mhux applikabli ghall-kaz odjern, u din l-eccezzjoni preliminari qieghda tigi michuda.

*<u>Il-Meritu tat-Talba Principali</u>*

L-ewwel parti tat-talba tal-attur hija ghar-rifuzjoni ta' ammont ta' flus li hu jghid li sellifha fil-perjodu bejn Settembru u Dicembru 2007. L-attur ma gab l-ebda prova biex jissostanzja din l-allegazzjoni tieghu, hlief l-affidavit tieghu.

Min-naha l-ohra l-konvenuta teccepixxi li flus li ta l-attur ma kienu qatt intizi bhala self, imma kienu donazzjoni, sabiex jghinha tistabilixxi s-salon taghha. Il-konvenuta gabet dawn il-provi sabiex tissostanzja din l-eccezzjoni taghha:

1. Dok D a fol. 55 u Dok JF a fol 72 tal-process, fejn fil-5 t'Awissu 2008, l-attur kien baghtilha sms fejn qalilha *"I am not asking for the money I gave you for the salon and your equipment"*. Din l-sms qatt ma giet michuda mill-attur.

2. Dok E a fol. 57, li hu dokument redatt mill-attur li hu sejjah bhala *"contract of relationship"* u iffirmat miz-zewg kontendenti, liema dokument kellu jirregola r-relazzjoni amoruza taghhom. Jekk l-attur ha hsieb li r-relazzjoni amoruza tieghu u tal-konvenuta tkun regolata bi skrittura privata, il-Qorti m'ghandhiex dubbju li jekk l-attur kellu l-hsieb li flus li ta lill-konvenuta kienu self, kien jesigi li ssir ukoll skrittura bil-miktub. Huwa relevanti wkoll il-fatt li dan l-allegat self sar bejn Settembru u Dicembru 2007, u l-attur iddecieda li jtemm ir-relazzjoni tieghu mal-konvenuta fi Frar 2008 – u cioe xaharejn wara. Ma ngabet l-ebda prova konkreta ghalfejn l-attur iddecieda li jtemm ir-relazzjoni, pero mill-provi ma jirrizultax li kien hemm xi incident partikolari li induga lill-attur jiehu din id-decizjoni. Ghalhekk, il-Qorti hija perswaza li l-attur kien ilu jahsibha li jtemm din ir-relazzjoni ghax ghal xi raguni jew ohra fl-opinjoni tieghu ma kinietx sejra tajjeb. Ghalhekk kieku verament ried li l-

ammont li ta lill-konvenuta ikun self, kien fic-cirkostanzi jikkawtela l-interessi tieghu, u jesigi li dan is-self isir bi skrittura privata.

3. Dok. F a fol. 58 tal-process – li hi *sanction letter* mahruga mill-Bank of Valletta p.l.c. fit-22 ta' Settembru 2007, favur il-konvenuta li se jsellifha l-ammont ta' Lm5261.00 sabiex tixtri l-apparat ghas-salon taghha. Ghalhekk mhux vera dak li qal l-attur fl-affidavit tieghu, li l-ebda bank ma ried isellef lill-konvenuta. Dan juri wkoll li l-konvenuta ma kellhix ghalfejn tissellef il-flus minghand l-attur.

4. L-attur kien general manager ta' socjeta kummercjali u kellu flus bizzejjed biex ihallas ghal btala ta' xahar ghalih u ghall-konvenuta New Zealand – btala li certament giet tiswieh il-flus, anke jekk ghal parti mill-btala kienu jghixu mal-genituri tal-attur. Ghalhekk l-attur ma kienx bniedem hafi.

Fid-dawl ta' dawn il-provi, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-konvenuta rnexxielha tipprova sal-grad rikjest fil-kamp civili, li l-attur ta l-ammont ta' €4,710.57, ghaliex volontarjament ried itihomlha bhala donazzjoni u qatt ma kellu l-intenzjoni li jitlobhom lura lill-konvenuta.

Ghaldaqstant din l-ewwel parti tat-talba tal-attur qed tigi michuda.

Fit-tieni parti tat-talba tieghu, l-attur qieghed jitlob ir-rifuzjoni ta' diversi oggetti tieghu li jallega li xtara minn New Zealand, u li l-konvenuta hadet mill-appartament tieghu illegalment. Ghalkemm fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu l-attur jallega li l-konvenuta ammettiet li l-*copper tuatara* u t-tapit tal-gilda kienu tieghu fix-xhieda taghha fis-seduta tas-7 t'Ottubru 2009, mill-atti ma jirrizulta li nzammet l-ebda seduta f'dik id-data. Pero fl-affidavit tieghu, huwa annetta lista ta' meta inxtraw dawn l-oggetti, il-post minn fejn allegatament inxtraw u liema mod ta' pagament uza biex hallas ghalihom. L-attur ma gab l-ebda prova konkreta li l-oggetti li nxtraw mill-hwienet ta' New Zealand elenkati fil-lista tieghu, huma l-oggetti li qed jippretendi li l-konvenuta haditlu illegalment.

Ghalkemm il-konvenuta hadet l-affarijiet taghha mill-appartament tieghu fit-3 ta' Marzu 2008, fl-affidavit tieghu, l-attur jghid li kien biss f'April 2008 li hu induna li l-konvenuta kienet hadet ukoll affarijiet li huma tieghu. Mar-rikors promotur, hu jaghmel lista tal-affarijiet li jallega li l-konvenuta haditlu u cioe:

1 x copper Tuatra

3 x ink sketches

1 x redwood vase/bowl

1 x wooden/bamboo chopping board

2 x inflatable beds with pump motor

1 x cutlery set

1 x grey bed throw-over

1 x roasting dish

1 x leather floor rug.

L-attur ma gab l-ebda prova sabiex tissostanzja l-valur li hu ta lil kull wiehed minn dawn l-oggetti.

Frankament, din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-attur qed jghid hu stess li dam xahar biex jinduna li dawn l-affarijiet kienu nieqsin, ghax uhud minnhom certament li ma kienux ta' daqs zghir.

Min-naha l-ohra, l-konvenuta tghid li dawn l-affarijiet kienet xtrathom hi minn New Zealand ghad dar li kienu se jixtru l-Imgarr. Ghalkemm mal-affidavit taghha ezebit ircevuta mill-hanut The Warehouse fejn hemm immarkati zewg oggetti li hi tghid xtrathom bil-VISA card taghha, d-deskrizzjoni ta' dawn iz-zewg oggetti ma taqbilx mal-lista tal-oggetti li elenka l-attur fid-Dok A. Pero Christine Bonello xehdet li hi kienet mal-konvenuta meta din marret tiehu l-affarijiet taghha mill-appartament tal-konvenut, u l-konvenuta hadet biss il-basktijiet u l-kaxxi li kienu go kamra zghira hdejn il-kcina.[2] Din ix-xhieda ta' Christine Bonello ma giet bl-ebda mod kontradetta mill-attur.

F'dan l-istat tal-provi, il-Qorti tikkonkludi li l-attur ma rnexxilux jipprova sal-grad rikjest fil-kamp civili, li l-konvenuta haditlu xi affarijiet li kienu tieghu personali.

Konsegwentement anki t-tieni parti tat-talba tal-attur se tigi michuda.

---

[2] Ara affidavit ta Claire Bonello a fol. 62 tal-process.

*Il-Kontro-talba*

Fil-kontro-talba taghha, il-konvenuta qieghda tippretendi li fil-perjodu ta' ko-abitazzjoni taghhom hija kienet irrendiet diversi servigi lill-konvenut, fosthom spejjez ghas-servizzi tal-ilma, elettriku, gas, television, telephone u tatu post fejn jorqod u kienet issajjar ghalih u ghat-tfal tieghu, u ghal genituri tieghu meta jigu Malta, kif ukoll kienet ghinitu biex jirranga l-appartament tieghu.

L-attur jichad l-pretensjoni tal-konvenuta ghas-servigi u jghid li hu kien itiha Lm10 fil-gimgha biex ikopri l-ispejjez talli kien joqghod maghha, u kien jixtri bi flusu l-affarijiet tal-ikel, u diversi affarijiet ohra.

Fis-sentenza **Giuseppe Borg et vs. Emanuel Azzopardi**, deciza fid-19 ta' Mejju 2005, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili[3] irriteniet hekk:

*"Illi dwar il-pretensjoni tal-imħarrek għall-kumpens jew ħlas ta' servizzi mogħtija jeħtieġ li l-kwestjoni titqies b'reqqa akbar. Huwa stabilit li l-bażi ta' azzjoni għal servizzi mogħtija trieġi fuq żewġ sisien: jiġifieri, fuq il-kważi kuntratt u fuq il-preżunzjoni li min jagħti servizz lil ħaddieħor jagħmel hekk bil-fehma li jitħallas ta' dak li jagħmel. Minbarra dan, ilu żmien twil aċċettat li l-ħlas ta' serviġi jista' jkun dovut mhux biss jure actionis, jiġifieri meta huwa miftiehem, imma wkoll officio judicis, jiġifieri meta miċ-ċirkostanzi jkun jidher sewwa li min ta dak is-servizz ried li jitħallas tiegħu jew kien imwiegħed ħlas għalih. Biex wieħed jasal biex jara jekk persuna kellhiex il-fehma jew l-istennija li titħallas, għandu jitqies il-waqt meta ngħataw tali servizzi, għaliex iċ-ċirkostanzi li jseħħu wara ma jservux biex joħolqu b'lura dritt ta' fehma li ma kinitx l-intenzjoni tal-partijiet li joħolqu;*

*Illi l-allegazzjoni li ma kienx hemm ftehim m'hijiex ta' xkiel għal sejbien ta' responsabblita' għall-ħlas ta' serviġi. Għalhekk, wieħed irid iqis iċ-ċirkostanzi kollha li fihom ikunu ngħataw is-servizzi biex minnhom wieħed jipprova jsib x'kienet tassew il-fehma kemm ta' min ta s-servizz u, wisq aktar, ta' min tahom;"*

---

[3] *Per* Imhallef J.R. Micallef.

Issa mill-provi huwa car li l-kontendenti kellhom relazzjoni stabbli u kienu jikkoabitaw bhala mara u ragel. Huma kienu qed jahsbu biex jizzewwgu u l-attur, permezz ta' *presta nome* kien anke ghamel konvenju fuq dar biex eventwalment jixtriha u jmorru joqghodu fiha. F'dawn ic-cirkostanzi, fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti, il-konvenuta meta tat id-diversi servizzi li tat, ma kellha l-ebda intenzjoni li tithallas taghhom, imma ghamlithom ghax hi kienet thobb lill-attur u kienet qieghda timmagina li se tqatta' l-bqija ta' hajjitha mieghu.

Fis-sentenza **Maria armla minn Paul Pace et vs. Maria Melita Cachia et**, deciza fis-16 ta' Gunju 2003, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili[4] irriteniet hekk:

*"Id-defunt u l-konvenuta Maria Melita Cachia kienu jikkoabitaw flimkien bhala mara u ragel. U ghalhekk, kif sewwa ikkontempla l-perit legali "bhal ma go familja legali huwa nkoncepibbli illi dak li taghmel il-mara ghal zewgha jikkostitwixxi servigi li jsiru bl-idea li dawn jigu kompensati, daqshekk iehor jista' jinghad li l-konvenuta qatt kellha l-intenzjoni li tithallas tas-servigi." Dippju jidher ukoll mill-provi illi kull dritt ghal hlas ta' servigi li talvolta seta' kien hemm jidher li gie sew kompensat bis-somministrazzjoni ta' hlasijiet fil-gimgha u bil-laxxitu tal-legat. Konsegwentement din il-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni espressa mill-perit relatur illi fil-kaz in ispecie ma huwa dovut l-ebda kumpens, anke ghaliex ma rrizultat l-ebda intenzjoni la da parte tad-decujus u lanqas tal-konvenuta illi jsir kumpens bhal dan;"*

Ghalkemm m'hemmx qbil bejn il-kontendenti jekk l-attur kienx jaghti flus fil-gimgha lill-attrici sabiex tkopri l-ispejjez tas-servizzi u l-ispejjez tal-ikel, l-attur ukoll irrenda servizzi lill-konvenuta billi ifformula l-*business plan* ghas-salon taghha u hadha mieghu xahar btala New Zealand. Barra minn hekk, kif il-Qorti ikkonkludiet aktar il-fuq, huwa ta' somma konsiderevoli bhala donazzjoni sabiex tkun tista' tikri l-post u tixtri l-affarijiet biex tiggestixxi s-salon taghha.

Fid-dawl tas-suespost, fl-opinjoni tal-Qorti, it-talba tal-attrici ghal hlas tas-servigi hija ritaljazzjoni ghall-fatt li l-attur fetah il-kawza kontriha, u kieku huwa ma fetahx din il-kawza, hija ma kellha l-ebda intenzjoni li titlob hlas ghas-servigi li kienet tat.

[4] *Per* Imhallef Philip Sciberras

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, mhux necessarju li din il-Qorti tinoltra ruhha fuq il-kwistjoni jekk il-konvenuta tatx lill-attur, is-servigi kollha li tallega li tat.

Konsegwentement it-talba konvenzjonali ghandha wkoll tigi michuda.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta tal-preskrizzjoni;
2. Tilqa' l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-konvenuta;
3. Tichad it-talba tal-attur;
4. Tilqa' t-tielet eccezzjoni tal-attur ghall-kontrotalba tal-konvenuta, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-kumplament tal-eccezzjonijiet;
5. Tichad il-kontro-talba tal-konvenuta.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri – cioe kemm tat-talba principali fir-rikors promotur kif ukoll tal-kontro-talba – ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Magistrat**

**Alan Keith Zerafa**
**Deputat Registratur**